**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 154/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Claudio Cauchi**
**(ID 144474 (M))**

**Illum: 31 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Claudio Cauchi** ta' 37 sena, iben Carmelo u Maria Lydia nee` Zammit, imwieled San Ġiljan nhar it-2 ta' Marzu 1974, residenti 147, Triq Blanche Huber, Sliema u/jew 155, Triq ix-Xatt, Gżira detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 144474 (M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-13 ta` April 2011, kif ukoll fl-erba' snin ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **eroina**, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **kokajina**, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fit-13 ta' April 2011 u fit-tnax il-xahar ta' qabel din id-data:

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **eroina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta **cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża skont l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Uffiċjal Prosekutur fl-14 ta' Marzu 2012;

Rat ukoll illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' April 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tad-9 ta' Ottubru 2018, li permezz tagħha l-istess Bord informa lill-Qorti illi ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga[3], kif ukoll id-digriet tagħha tal-4 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-imputat u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap 537[4];

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta-13 ta' Awwissu 2020, li permezz tagħha nforma lill-Qorti illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'suċċess[5];

---

[1] A fol. 6 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 14 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 142 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 149 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara a fol. 180 tal-proċess.

Rat ix-xhieda ta' Doris Fenech, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, mil-liema jirriżulta illi salv għal din il-kawża, l-imputat m'għandux każijiet oħrajn pendenti[6];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

**L-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi fil-11 ta' April 2011 ċertu Maria Francalanza li tiġi omm Graziella Cauchi nee` Francalanza kienet marret għand il-pulizija u qaltilhom dwar il-problema serja tad-droga li kellha bintha, kif ukoll illi allegatament kien żewġha Claudio Cauchi li daħħalha fil-vizzju tad-droga. Jixhed ukoll illi fit-13 ta' April 2011, ġie eżegwit mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-imputat, waqt liema tfittxija nstabet biċċa żgħira raża tal-*cannabis* u siringa mhux użata. L-istess imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u għażel li ma jeżerċitax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu. Fl-20 ta' April 2011, Graziella Cauchi irrilaxxjat stqarrija u ħalfitha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia l-għada stess. Sussegwentement ittieħdu proċeduri kontra Graziella Cauchi, li ġew deċiżi.

**PS 364 David Borg** jixhed illi fit-13 ta' April 2011, flimkien ma' PS 1174 u PC 760 huwa esegwixxa mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern, ġewwa l-indirizz 155, Triq ix-Xatt, Gżira. Hemmhekk sabu lill-missier l-imputat u eventwalment wasal l-istess imputat. Dak il-ħin, huma għamlu tfittxija fil-kamra tal-*living room* fejn kienu sabu biċċa sustanza kannella suspettata raża tal-*cannabis*, liema sustanza ġiet esebita mix-xhud bħala Dok. DB. L-imputat għalhekk ġie arrestat. Jgħid ukoll in kontro-eżami illi rriżulta li r-residenza kienet ta' missier l-imputat, iżda l-istess imputat kien qed jgħix miegħu.[7]

**Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet vera kopja ta' proċess verbal numru 440/2011 redatt mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia u magħluq fid-9 ta' Mejju 2011 dwar stqarrija ġuramentata ta' Graziella Cauchi nhar l-20 ta' April 2011.[8]

Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi **Graziella Cauchi** irrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fl-20 ta' April 2011, liema stqarrija ġiet maħlufa minnha

[6] Ara a fol. 190 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 71 sa 73 tal-proċess.
[8] Ara l-proċess-verbal esebit bħala Dok. OD a fol. 17 sa 41 tal-proċess.

quddiem il-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia fil-21 ta' April 2011 ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha nhar l-20 ta' April 2011, Graziella Cauchi tgħid illi erba' snin qabel ossia f'Mejju 2007, hija bdiet toħroġ ma' ċertu Claudio Cauchi u illi ġimgħa wara li bdew jiffrekwentaw lil xulxin, huwa staqsiha jekk qatt kienet għamlet użu mill-kokaina, għal-liema hija wieġbet fin-negattiv. Għal dan huwa weġibha li kien hemm l-ewwel darba għal kollox u illi hija kienet dgħajfa u aċċettat. L-ewwel darba li ppruvatha ma għoġbithiex, iżda sussegwentement fuq insistenza tiegħu, hija reġgħet ċediet. Xi xahrejn wara kienu d-dar u reġgħu kkunsmaw il-kokaina u hekk kif din spiċċat Claudio Cauchi ried li jġibu iżjed, iżda hi ssuġġeriet li jġibu l-eroina minflok stante li kienet taf li wara l-kokaina huwa kien jieħu l-eroina biex jinżel, u anke għaliex l-effett tal-kokaina kien idejjaqha, u għalhekk hu ġab l-eroina u ħaduha fuq il-*foil*. Tgħid illi dak iż-żmien Cauchi kien biegħ xi proprjeta` ġewwa Marsaskala u għalhekk kellu l-flus f'idejh u beda jixtri ammonti sostanzjali ta' kokaina u eroina għalih u minnhom kien jagħti lilha wkoll. Bil-mod bdiet tirrealizza illi kienet ser tidħol fil-vizzju tal-eroina u kienet qaltlu li ma kinitx lesta li filgħodu tqum u terġa' tieħu l-eroina biex tiġi f'sikkitha. Da parti tiegħu, huwa kien jinsisti magħha li tieħu l-eroina sabiex tiġi f'sensiha, u hija kienet dgħajfa u ċċedi, apparti li kienet tħobbu u minn hemmhekk spiċċat bil-vizzju tal-eroina kuljum. Tgħid illi l-aħħar li ħadet kokaina kien f'għeluq is-sena 2010, li dakinhar kienet miegħu u xtraw gramma li qasmuha bejniethom. L-aħħar darba li ħadet l-eroina kien madwar għaxart ijiem qabel. Tgħid li fl-aħħar jiem kien irnexxielha taqta' mid-droga bil-*methadone* u għaliex xtaqet tieqaf b'rispett ta' binha u bl-appoġġ ta' missierha.

Tgħid in oltre illi meta kienet ma' Claudio, huwa kien iġib kemm id-droga kokaina, kif ukoll l-eroina. Mistoqsija jekk kinitx tagħtih flus sabiex iġibilha d-droga, hija tgħid illi qatt ma ħadet kokaina waħedha, iżda dejjem ħaditha miegħu, u illi din kien jipprokuraha hu. Ġieli ħadet l-eroina waħedha, ġieli xtrat hija wkoll għall-użu tagħha u ġieli tat flus lil Claudio sabiex jixtrilha l-eroina wkoll. Tgħid illi kien hemm okkażżjonijiet li fihom l-eroina ħaduha flimkien u oħrajn li fihom Claudio għaddielha l-eroina u hija ħaditha waħedha. Huma żżewġu fis-7 ta' Settembru 2009, wara li bdew jikkrekwentaw lil xulxin f'Mejju 2007.

Tgħid ukoll illi hija qatt ma rat lil Claudio jagħti jew ibiegħ il-kokana jew l-eroina lil terzi u lanqas ma talabha sabiex tbiegħ id-droga għalih. Innegat ukoll illi huwa qatt heddidha, sawwatha jew intimidaha.

Tgħid in oltre illi f'Marzu 2009, hi u żewġha ħarġu mill-fond li kienu jabitaw fih ġewwa Tas-Sliema u marru jgħixu ma' ommha, li saret taf bil-problema tad-droga li huma kellhom madwar sena wara ossia għall-ħabta ta' Marzu 2010. Ftit qabel

il-Milied tal-istess sena, ommha keċċiet lil Claudio minn darha, u lejn l-aħħar ta' Diċembru 2010, hi u Claudio marru jgħixu għand missieru l-Gżira.

Tgħid in oltre b'referenza għal żewġha, illi l-ewwel darba li ppruvat il-kokaina kien ġimgħa wara li bdew jiffrekwentaw lil xulxin u illi f'dik l-okkażżjoni kien żewġha li pprokura d-droga u illi kkunsmaw minnha t-tnejn. L-ewwel darba li kkonsmat l-eroina kien f'Awwissu 2007 u dakinhar kien ipprokuraha żewġha wkoll.

Mill-bqija l-istqarrija tikkontjeni wkoll informazzjoni dwar terza persuna li mingħandu Cauchi tgħid illi kienet takkwista d-droga eroina f'perjodu speċifiku, liema informazzjoni mhijiex relevanti għall-każ odjern.[9]

Illi jirriżulta wkoll mill-atti tal-proċess verbal illi fil-21 ta' April 2011, l-istess **Graziella Cauchi** xehdet quddiem il-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia, fejn wara li nqrat lilha l-istqarrija rilaxxjata minnha, hija kkonfermatha.[10]

**Graziella Francalanza** xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri. Hija tikkonferma illi l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tagħha ġew deċiżi, tikkonferma wkoll illi kienet irrilaxxjat stqarrija u illi din ikkonfermatha bil-ġurament quddiem Maġistrat. Tgħid illi dak iż-żmien ossia fis-sena 2011, hija kienet tagħmel użu mill-eroina u illi ommha kienet sabet labra fis-sodda tagħha, liema labra ommha ħaditha għand l-Ispettur Theuma, li mbagħad bagħat għaliha. Tgħid illi hija qabdet il-vizzju tad-droga meta ltaqgħet mal-imputat, li kienet ilha tafu minn Mejju 2007, u illi sa dak iż-żmien hija kienet tgħix ma' binha u kienet taħdem ma' missierha. Tgħid illi meta ltaqgħet mal-imputat, wara ftit dan ħajjarha sabiex tipprova l-kokaina u illi dak iż-żmien kienet għaddejja minn żmien diffiċli. Tgħid ukoll illi l-kokaina kienu jpejjpuha u illi din kien iġibha l-imputat għaliex hi ma kinitx taf, dak iż-żmien, min kien ibiegħ id-droga. L-ewwel darba pejpuha f'appartament tal-imputat ġewwa Marsaskala u għalkemm m'għoġbithiex, ġimgħa wara l-imputat kien qalilha sabiex jerġgħu jieħdu l-kokaina u hi kkuntentatu u kompliet miegħu. F'dik l-okkażżjoni huwa qalilha li wara l-kokaina huwa kien jieħu l-eroina sabiex jinżel. Għalhekk meta huwa ssuġġerixxa li jerġgħu jġibu l-kokaina hekk kif din spiċċat, hija qaltlu li xorta kienet ser terġa' tispiċċa u ssuġġeriet li jġibu l-eroina, anke għaliex ma riditx tibqa' *high* u fil-fatt l-imputat ġab l-eroina. Ta' dan hija ma ħallset l-ebda flus. Għall-ewwel dan il-konsum tad-droga kokaina u eroina kien iseħħ madwar darba fix-xahar jew darba kull ħmistax, sakemm eventwalment żdied għal kull nhar ta' Ħadd u wara anke drabi fil-ġimgħa. Għamlu xi tliet xhur jużaw il-kokaina u l-eroina, jew fid-dar tagħha stante li dak iż-żmien kienet tgħix waħedha, inkella fil-proprjeta` tiegħu ġewwa Marsaskala. Eventwalment bdiet tqum *sick* minħabba l-eroina, u kienet anke ġġib lit-tabib

[9] Ara din l-istqarrija a fol. 26 sa 29 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 34 sa 40 tal-proċess.

sabiex tara x'għandha, sakemm l-imputat ġibdilha l-attenzjoni li dak kien l-effett tal-eroina. Tgħid illi huwa kien jinkoraġġiha sabiex tieħu l-eroina filgħodu biex tħossha tajba u minn hemm daħlet fil-vizzju tal-eroina. Tgħid illi dak iż-żmien l-imputat kien jakkwista l-eroina għalih u illi hija kienet tieħu mingħandu. Tgħid illi in kwantu flus, huma kien ikollhom il-flus id-dar għaliex eventwalment huwa beda jgħix magħha. Tgħid illi ġieli kienu jieħdu d-droga flimkien u ġieli kienet tieħu waħedha wkoll, iżda kien hu li kien jakkwista d-droga. Wara li żżewġu f'Settembru 2009 ma baqgħux jieħdu l-kokaina, iżda l-eroina biss u ta' kuljum, għalkemm ġieli kienu jieħdu l-kokaina okkażjonalment. Tgħid illi l-imputat kien iġib gramma eroina u kienu jaqsmuha bejniethom u dan ta' kuljum. Damu flimkien sas-sena 2011. Tgħid illi eventwalment marru jgħixu għand ommha u ftit taż-żmien wara ommha ndunat b'dak li kien għaddej, sakemm ommha riedet tkeċċi lill-imputat u hi telqet miegħu u marru jgħixu għand missier l-imputat. Fil-frattemp missierha kien irranġalha d-dar fejn qabel kienu jgħixu hi u l-imputat flimkien u marret tgħix fiha waħedha u ommha sabet is-siringa fis-sodda. Eventwalment missierha ħadha għall-*methadone* u bdiet taqta' l-vizzju. Mistoqsija dwar il-flus għad-droga, hija tgħid illi lill-imputat qatt ma tagħtu l-flus tagħha sabiex jakkwista d-droga, illi huma kien ikollhom flus id-dar u meta ssuġġerit lilha illi hija qalet li kien dejjem jipprokura d-droga hu, hija tgħid illi huma kienu f'relazzjoni. Tispjega dwar il-flus illi hija ma kellhiex wisq paga u kellha l-ispejjeż tat-tifel, iżda li kien jifdal kienet tħallihom id-dar u hu kien jagħmel bħalha. Meta ġieli kkunsmat l-eroina waħedha, din kienet tkun minn dak li kien jifdal id-dar, wara li jipprokuraha l-imputat. Tgħid ukoll illi hija dejjem ħadet il-kokaina mal-imputat, filwaqt illi ġieli ħadet l-eroina d-dar waħedha. Dwar iż-żmien li kienet tikkonsma l-kokaina flimkien mal-imputat, qabel ma daħlet fil-vizzju tal-eroina, hija tgħid illi ġieli kienu jonfqu €100 u ġieli kienu jonfqu anke €200 u €300, liema droga kienu jużawha kollha f'okkażżjoni waħda.[11]

Illi da parti tiegħu, minn jeddu, **l-imputat** xehed f'dawn il-proċeduri u dan ai fini tat-talba tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa jixhed illi qabel iltaqa' ma' Graziella, huwa kien jgħix ħajja normali, fis-sens illi huwa kellu mpjieg mad-*Dockyard*, kellu negozju żgħir tiegħu u kellu proprjeta`. Eventwalment meta għalqet id-*Dockyard*, huwa ħa somma ta' ċirka Lm19,000, b'liema flus kienu rranġaw id-dar stante illi fil-frattemp hu u Graziella kienu ddeċiedew li jiżżewġu. Jgħid illi huwa ltaqa' ma' Graziella fis-sena 2007 u żżewġu fis-sena 2009. Iltaqgħu f'*party*, fejn it-tnejn kienu fuq l-*ecstasy* u spiċċaw flimkien. Imbagħad iltaqgħu darb'oħra f'appartament, fejn kien hemm xi ħbieb flimkien u qabel marru *party*, użaw il-kokaina u xi *ecstasy*. Minn hemm baqgħu jiffrekwentaw lil xulxin. Jgħid illi hi kellha tifel mingħand terza persuna,

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 48 sa 69 tal-proċess.

filwaqt illi huwa kellu tifla u għalhekk kienu jkunu flimkien bit-tfal; hu kien imur għandha bl-ikel u kienu jqattgħu ħafna ħin isajru. Biegħ il-proprjeta` tiegħu ġewwa Marsaskala sabiex jixtri proprjeta` oħra viċin il-familjari tiegħu ossia fl-inħawi ta' Tas-Sliema u l-Gżira u dan fiż-żmien meta huwa kien għadu mpjegat id-*Dockyard.* Madankollu peress illi huma kienu qed jaħsbu sabiex jiżżewġu, missier Graziella ssuġġerielu sabiex ma jixtrix proprjeta` oħra, stante illi huwa kien ser jagħtihom proprjeta` fejn jgħixu. Għalhekk baqa' ma xtarax proprjeta` oħra. Jgħid illi meta spiċċa mill-impjieg tiegħu mad-*Dockyard,* bil-flus li kien ingħata, kienu siefru u marru *cruise* bit-tfal, irranġaw il-proprjeta` li tahom missier Graziella, għalkemm ma lestewx ix-xogħolijiet kollha u żżewġu. In kontro-eżami, jgħid ukoll illi b'dak li kien fadal minn dawn il-flus, fis-sena 2009, huwa kien xtara ħanut u garaxx ta' tliet karozzi sabiex jiftħu negozju flimkien.

Jgħid ukoll illi fil-bidu huma kien jużaw xi ftit kokaina biss, iżda Graziella daħħlet l-eroina bejniethom u spiċċaw jieħdu kemm il-kokaina, kif ukoll l-eroina. Għall-ewwel dan l-użu kien ta' xi kultant u eventwalment bdew iżidu, tant illi spiċċaw bil-problema tal-kokaina u tal-eroina. Jgħid in oltre illi wara sentejn, spiċċa mingħajr saħħa tant illi ma setax ikompli jaħdem. Jgħid ukoll illi Graziella kienet tixtri d-droga għaliha, filwaqt illi huwa kien jixtri għalih. Hi ġieli ħadet mid-droga tiegħu. Jgħid illi huwa kemm il-darba prova sabiex jieqfu milli jkomplu bl-użu tad-droga, u għalkemm sab anke impjiegi differenti biex jerġa' jibda jirkupra, Graziella kienet tmur ħdejh fuq il-post tax-xogħol u tħajru sabiex imorru jużaw id-droga. Eventwalment il-ġenituri tagħha u familtu ndunaw li kienu qed jagħmlu użu mid-droga u bdew jgħixu għand missieru. Jgħid illi darba minnhom kienu qegħdin bla flus, kienu ħażin ħafna u hi ssuġġeriet li tinżel il-Gżira sabiex ikollhom il-flus għad-droga. Jgħid ukoll illi huwa ma ħallihiex tagħmel dan u qalilha li kien ser joħroġ biex jara jiltaqax ma' xi ħadd li kien jaf, iżda ma ltaqa' ma' ħadd. Fil-frattemp lemaħ *handbag* fuq siġġu u serqu. Kien hawn li rrealizza li kien irvina ħajtu. Tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* u meta ġie rilaxxjat sar jaf li hi telqet ma' ħaddieħor u minn hemm infirdu. Minn hemm beda jaħdem u beda jieħu l-*methadone.* Madwar ħames snin qabel ix-xhieda tiegħu[12] applika sabiex jaħdem barra minn Malta u ġie magħżul. Dak iż-żmien, ossia xahrejn qabel siefer, huwa kien għadu jieħu l-*methadone* kuljum, oltre illi kien għadu jieħu nofs gramma eroina filgħaxija. Naqqas il-*methadone* u bil-mod beda jnaqqas ukoll mill-eroina li kien jieħu filgħaxija. Saħansitra min-naħa tad-*Detox* kienu tawh flixkun *methadone* sabiex jużah meta jkun imsiefer. F'Jannar 2013 telaq minn Malta u tliet xhur wara mar ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox* fejn irriżulta fin-negattiv għal sustanzi llleċiti. Fil-frattemp kompla jipprova jaqta' l-*methadone* ukoll sakemm qatagħha għal kollox. Minn dakinhar għaddew 'il fuq minn erba' snin u baqa' jaħdem mal-istess kumpanija, kompla javvanza fuq ix-xogħol u anke kompla jistudja. Fiż-żmien tax-xhieda tiegħu huwa kien qed jgħix

[12] L-imputat xehed fid-9 ta' Ġunju 2017.

barra minn Malta minħabba xogħlu, u jgħid illi baqa' l-bogħod mid-droga. L-imputat esebixxa diversi ċertifikati tal-istudji u l-avvanzi li għamel fil-karriera kif ukoll ċertifikati tal-kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv.[13]

In kontro-eżami huwa jixhed illi bejn is-snin 2007 u 2011 huwa ma ppruvax jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Xehed illi hu u Graziella Francalananza infirdu fis-sena 2010 wara l-każ tas-serq li seħħ fi Frar 2010 u eventwalment isseparaw legalment. Xehed ukoll illi meta kien iltaqa' ma' Graziella fis-sena 2007 hu kellu d-droga tiegħu u hi kellha tagħha. Jiċħad li hu qatt ġiegħel lil Graziella tieħu d-droga, tant illi hija xehdet illi huwa qatt ma ġegħlha tagħmel xejn. Jgħid illi huwa kien juża d-droga meta kien ħafna iżgħar ossia meta kellu xi 21 sena, u kien dam xi sentejn iżda mbagħad kien waqaf. Jiċħad illi huwa kien għamel kundizzjoni lil Graziella sabiex tieħu d-droga jekk riedet tibqa' miegħu, iżda anzi kien hu li kien jipprova jara x'jagħmel biex jaqtgħu l-problema li daħlu fiha. Dak iż-żmien huwa kien ikun ħażin ukoll, kien jipprova jsib impjieg anke biex ħadd ma jinduna f'liema stat kienu qegħdin, iżda hija kienet terġa' twaqqgħu sabiex jużaw id-droga, u mal-iċken kelma huwa kien iċedi wkoll. Ikkonferma li għajnuna esterna sabiex jegħleb il-vizzju qatt ma fittex dak iż-żmien.

**Dr Antoine Ellul** miċ-ċentru tad-*Detox* jixhed illi huwa ra lill-imputat darba waħda biss, fis-27 ta' April 2011. Huwa jgħid illi kien ilu jieħu d-droga minn meta kellu 21 sena, li l-imputat qallu li kien ilu jieħu d-droga regolarment għal ħames snin qabel mar għandu, u illi kien jikkonsma qisu bejn nofs gramma u gramma eroina kuljum, bil-labra. Matul dak iż-żmien l-imputat kien jieħu biss l-eroina. Jgħid ukoll illi huwa qiegħed lill-imputat fuq il-*methadone*, iżda ma reġax rah, għalkemm l-imputat baqa' jattendi ġewwa d-*Detox* għall-*methadone*. Dakinhar li mar għandu, l-imputat irriżulta pożittiv għall-eroina u għall-*cannabis*. Sussegwentement, l-imputat ħalla żewġ kampjuni fis-sena 2013, liema kampjuni rriżultaw fin-negattiv għall-eroina u għall-kokaina, u fis-sena 2014 ħalla kampjun ieħor, li rriżulta fin-negattivi għall-eroina, kokaina u *cannabis*. L-aħħar darba li l-imputat ħa l-*methadone* kien f'Mejju 2013.[14]

**Dr. Mario Scerri** xehed illi l-imputat kien ikkonsulta miegħu fit-12 ta' Mejju 2016 u fid-29 ta' Settembru 2016. Fiż-żewġ okkażżjonijiet ittieħed kampjun tal-urina fl-ispiżerija stess u dawn irriżultaw fin-negattiv għall-*codeine*, kokaina, amfetamini, *THC* u *opiates*.[15]

[13] Ara a fol. 86 sa 95 tal-proċess u Dok CC 11 a fol. 129 tal-proċess.
[14] A fol. 130 sa 134 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 138 u 139 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' April 2011 u dan wara illi ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[16] Il-Qorti tosserva illi mill-istess stqarrija ma jirriżultax illi l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ossia l-jedd viġenti fil-liġi, in kwantu assistenza legali, fiż-żmien tal-istess stqarrija, u lanqas ma ġiet esebita dikjarazzjoni tal-imputat fis-sens illi huwa kien qed jirrinunzja għal dan id-dritt, għalkemm fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Dennis Theuma jgħid illi qabel ġie mitkellem, l-imputat għażel li ma jottjenix parir legali. Fi kwalunkwe każ, ma jirriżultax illi l-imputat ingħata l-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu u dan għaliex fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tqis l-istess stqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala nieqsa minn valur probatorju u dan fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **<u>Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **<u>Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **<u>Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel numru ta' dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat, kif ukoll dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-<u>imputazzjoni (ċ)</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan b'referenza għat-13 ta' April 2011 u t-tnax-il xahar ta' qabel din id-data. Il-Qorti tqis illi għalkemm ma tirriżultax prova fil-grad rikjest mil-liġi illi dakinhar tat-13 ta' April 2011 – ossia fil-jum li l-imputat ġie arrestat mill-pulizija wara tfittxija fil-fond fejn kien jabita ma' missieru – l-istess imputat kien fil-pussess tad-droga eroina, biss m'hemmx dubbju kemm mix-xhieda tal-istess imputat, kif ukoll mix-xhieda ta' Graziella Cauchi (nee` Francalanza) illi matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, huwa kien fil-pussess tal-istess droga. Jirriżulta ċar minn din ix-xhieda illi f'dan iż-żmien l-imputat u martu kellhom vizzju serju tad-droga eroina u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni – in kwantu tirreferi għat-tnax-il xahar ta' qabel it-13 ta' April 2011 – ġiet sodisfaċentement ippruvata.

[16] Ara din l-istqarrija a fol. 4 u 5 tal-proċess.

Permezz tal-imputazzjoni (d), imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina u dan b'referenza għall-istess żmien ossia għat-13 ta' April 2011 u t-tnax-il xahar ta' qabel din id-data. Fix-xhieda tiegħu, l-imputat mhuwiex daqstant ċar dwar iż-żmien li fih huwa kien jagħmel użu mill-kokaina, salv illi jgħid fil-bidu tar-relazzjoni tiegħu ma' martu fis-sena 2007, huma kienu jużaw id-droga kokaina okkażżjonalment, iżda maż-żmien spiċċaw it-tnejn bil-problema kemm tal-kokaina, kif ukoll tal-eroina, b'tali mod għalhekk illi l-Qorti ma tistax torbot speċifikatament dan l-użu maż-żmien li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna. Biss fl-istqarrija rilaxxjata minnha u kkonfermatha minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia, martu Graziella Cauchi tixhed illi wara li żżewġu f'Settembru 2009, huma ma baqgħux jikkunsmaw il-kokaina, iżda bdew jikkunsmaw l-eroina ta' kuljum, għalkemm ġieli kienu jieħdu l-kokaina okkażżjonalment. Tgħid ukoll illi l-aħħar li ħadet kokaina kien f'għeluq is-sena 2010, li dakinhar kienet mal-imputat u xtraw gramma li qasmuha bejniethom. Il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddubita minn din il-parti tax-xhieda tal-istess Graziella Cauchi, anke għaliex hija dettaljata ħafna bħala żmien u ngħatat minnha ftit tax-xhur wara dan l-akkadut. Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat, fix-xhieda tiegħu, lanqas ma jikkontradiċi lil Graziella Cauchi in kwantu l-użu li huma kienu jagħmlu mid-droga matul iż-żmien illi huma kienu jiffrekwentaw lil xulxin u matul iż-żwieġ eventwali tagħhom.

Għaldaqstant, filwaqt illi ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina dakinhar tat-13 ta' April 2011, tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data.

Permezz tal-imputazzjoni (e), l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan ukoll b'referenza għall-istess żmien tat-13 ta' April 2011 u t-tnax-il xahar ta' qabel din id-data. Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-13 ta' April 2011, fir-residenza tal-missier, ossia fejn fiż-żmien in kwistjoni kien jirrisjedi l-imputat odjern, instabet biċċa sustanza suspettata raża tal-*cannabis*. Jirriżulta wkoll illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2016, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qed tikkontesta illi s-sustanza esebita dakinhar minn PS 364 David Borg – ossia din l-istess sustanza misjuba fir-residenza in kwistjoni – kienet raża tal-*cannabis* u illi għalhekk ma kienx neċessarju li jinħatar espert sabiex janalizza din is-sustanza. Jirriżulta in oltre illi fl-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi l-piż tas-sustanza ma kienx jeċċedi 3.5 grammi.[17]

[17] Ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2016, a fol. 70 tal-proċess.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti qed tqis ukoll illi ma tirriżulta l-ebda prova mill-atti illi fit-tnax-il xahar ta' qabel it-13 ta' April 2011, l-imputat kien fil-pussess ta' din id-droga.

Hawnhekk jeħtieġ illi l-Qorti tqis id-disposizzjonijiet introdotti fil-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. L-Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis"

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, li jinstabu fil-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, jew għall-proċeduri hekk imsejjħa amministrattivi quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, u dan għaliex tali pussess illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Cassano</u>** tat-28 ta' Settembru 2017, u dan b'referenza għal ċirkostanzi simili fejn id-disposizzjoni tal-liġi li kienet tikkontempla r-reat li bih ġie mixli l-appellant f'dak il-każ, kienet ġiet imħassra:

> "Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

"*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[18]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[19]

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in*

[18] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[19] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.

*respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*”[20]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

> “B’hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista’ jitkompla u dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.”

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja**[21] fejn kien gie ritenut b’referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali[22], illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b’dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi w fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

Stabbilit illi l-piż tar-raża tal-*cannabis* li nstabet nhar it-13 ta’ April 2011, ma kienx jeċċedi 3.5 grammi, il-Qorti tqis illi għandha llum tapplika dik il-liġi illi hija l-iżjed favorevoli għall-imputat, b’dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputat jinsab akkużat illum ma jikkostitwixxix reat, allura huwa ser jiġi lliberat minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-imputazzjonijiet (a) u (b), l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta’ traffikar kemm tad-droga eroina, kif ukoll tad-droga kokaina u dan b’referenza għat-13 ta’ April 2011 u l-erba’ snin ta’ qabel din id-data.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat ġie addebitat b’dawn l-akkużi fid-dawl tax-xhieda ta’ Graziella Cauchi nee` Francalanza u dan fis-sens illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata u ġuramentata minnha ai termini tal-Artikolu 24A(12) u

---

[20] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta’ Frar 2017 “The more lenient criminal law” miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

[21] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

[22] L-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: “*Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.*”

(13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, hija tixhed illi kien l-imputat li matul ir-relazzjoni u ż-żwieġ tagħhom, kien jipprokura, kemm għaliha kif ukoll għalih, id-drogi kokaina u eroina.

L-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu, imbagħad, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre għalkemm ir-regola ġenerali taħt l-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali hija illi: "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Huwa proprju dan illi għandha l-Qorti quddiemha llum ossia dikjarazzjoni ġuramentata minn Graziella Cauchi (nee` Francalanza) u x-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri.

Filwaqt illi Graziella Cauchi tixhed illi kien l-imputat li ntroduċiha għad-droga – kemm kokaina, kif ukoll eroina – u illi sforz tar-relazzjoni tagħhom hija spiċċat fil-vizzju ta' din id-droga, b'mod partikolari d-droga eroina, kif ukoll illi l-imputat kien qalilha li huwa diġa` kien jagħmel użu mill-eroina qabel iltaqgħu, l-imputat jixhed illi Cauchi diġa` kienet tagħmel użu mill-kokaina qabel bdiet ir-relazzjoni tagħhom, kif ukoll illi kienet hi li daħlet id-droga eroina fir-relazzjoni tagħhom. Ta' min jgħid illi Dr. Anthony Dimech xehed illi nhar is-27 ta' April 2011, l-imputat qallu illi kien ilu jagħmel użu mid-droga eroina b'mod regolari

għall-perjodu ta' ħames snin u għalhekk mis-sena 2006, ossia madwar sena qabel iż-żmien li huwa beda jiffrekwenta lil Graziella Francalanza, liema xhieda għalhekk iżjed tikkorrobora l-verżjoni tagħha li l-imputat kien jagħmel użu mill-eroina qabel iltaqgħu. Kien x'kien il-mod li bih Cauchi u l-imputat bdew jagħmlu użu mill-kokaina u mill-eroina, huwa evidenti illi flimkien is-sitwazzjoni tagħhom tant iddeterjorat illi spiċċaw fil-vizzju tad-droga kokaina u eroina, u b'mod partikolari wara ż-żwieġ tagħhom f'Settembru 2009, tad-droga eroina, b'tali mod illi kienu jikkunsmaw din id-droga kuljum. Dwar dan l-imputat u Graziella Cauchi jaqblu.

Madankollu, fil-waqt illi Graziella Cauchi tixhed illi kien l-imputat li kien jipprokura d-droga għat-tnejn li huma, l-imputat jixhed illi huma kien ikollhom id-droga rispettiva tagħhom, għalkemm jgħid ukoll illi hi ġieli ħadet minn tiegħu. Il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputat fiċ-ċirkostanzi tal-każ m'hijiex verosimili, u dan tenut kont tal-fatt illi l-imputat u Cauchi kienu f'relazzjoni, f'punt minnhom kien jabitaw flimkien fir-residenza tagħha u eventwalment iżżewġu u kienu jikkonsmaw id-droga regolarment flimkien, u għalhekk huwa bil-wisq inattendibbli illi kull wieħed minnhom kien jakkwista d-droga separatament għall-bżonnijiet tiegħu. In oltre għalkemm Cauchi tgħid illi kien dejjem l-imputat li kien jipprokura d-droga għat-tnejn, hi stess f'punt minnhom tgħid illi ġieli akkwistat l-eroina għall-użu tagħha, u għalhekk jirriżulta illi anke hi kienet f'posizzjoni illi takkwista u tipprokura din id-droga. Jirriżulta wkoll illi matul iż-żmien li kienu jabitaw flimkien, skont il-verżjoni ta' Cauchi, id-droga kienet tinxtara mill-flus komuni li kienu jħallu d-dar it-tnejn, għalkemm hi ma kinitx tikkontribwixxi wisq stante illi kienet taħdem biss *part-time*. Hawn il-Qorti tqis ukoll illi fiż-żminijiet iżjed bikrijin tar-relazzjoni tagħhom, jirriżulta illi l-mezzi finanzjarji tal-imputat kienu ferm aħjar minn ta' Cauchi, kif jirriżulta wkoll mix-xhieda tiegħu stess, sakemm sforz il-vizzju, spiċċa mingħajr impjieg u mingħajr sold taħt rasu.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-21 ta' Ġunju 2017, fl-ismijiet **<u>The Police vs Richard Alistair Cranston</u>** fejn il-Qorti qalet hekk:

> 9. Now, appellant has been charged with possession of cocaine and of cannabis grass not for his exclusive use and with possession of cannabis resin for personal use. As to the cannabis resin there is appellant's clear admission. As to the cocaine he claims that it was for his and his girlfriend's use. This Court does not in any way doubt what appellant has said in this regard. His evidence is borne out by the evidence of witnesses he produced. ... **<u>Appellant states that he used to purchase the cocaine either with his money or his girlfriend's.</u>** [sottolinear ta' din il-Qorti]

10. It has been submitted that appellant's should be considered as a case of "sharing". In this respect, reference is made to the relative provision of the Dangerous Drugs Ordinance which deals with the concept of "sharing". Subarticle (9) of article 22 of that law (Chapter 101 of the Laws of Malta) states:

> **"The provisions of articles 21 and 28A of the Criminal Code and the provisions of the Probation Act shall not be applicable in respect of any person convicted of an offence as is referred to in subarticle (2)(a)(i) or subarticle (2)(b)(i):**
>
> **Provided that where, in respect of any offence mentioned in this subarticle, after considering all the circumstances of the case including the amount and nature of the drug involved, the character of the person concerned, the number and nature of any previous convictions, including convictions in respect of which an order was made under the Probation Act, the court is of the opinion that the offender intended to consume the drug on the spot with others, the court may decide not to apply the provisions of this subarticle".**

11. In the Criminal Appeals **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** and **Il-Pulizija v. Marco Galea**, both decided on the 5th May 2008, said proviso was explained in the following manner:

> **"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-**

**legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghal-lanqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

12. Appellant's (and his girlfriend's) activities do not appear to fall into this definition of "sharing". However, reference is being made to another two judgements delivered by this Court, both differently presided.

13. In **Il-Pulizija v. Ryan Galea** decided on the 25th November 1999, it was stated:

> **"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kemm l-appellant kif ukoll it-tfajla tieghu, darba minnhom, kienu ddecidew li jixtru d-droga Cannabis flimkien. Jirrizulta li l-flus sabiex tinxtara din id-droga hargithom it-tfajla, ossia l-gharusa, ta' l-appellant.**
>
> **"Illi meta huma marru bil-karozza misjuqa mill-appellant u waqfu sabiex jixtru din id-droga, dak li bieghhilhom id-droga mar hdejn is-sewwieq, u veru, fil-fatt, id-droga fizikament ghaddiet l-ewwel f'idejn l-appellant. Hu hallas bil-flus li kienet taghtu l-gharusa tieghu, u meta ha id-droga, hu ghaddielha parti minnha, stante li dik id-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma.**
>
> **"Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sa l-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' taddroga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss, u ta minnha lill-terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha."**

14. In **Il-Pulizija v. Claire Farrugia** decided on the 17th March 2005, it was held:

> **"Illi mill-gurisprudenza johrog car li biex ikun hemm is-"sharing" li jammonta ghal traffikar irid ikun hemm il-fattispecji li wiehed ikollu d-droga w jaqsamha ma xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim. "Il-Pulizija**

**vs. Marvan Cachia" [26.8.98], "Il-Pulizija vs. Martin Pirotta" [15.12.98] u "Il-Pulizija vs. David Gatt" [11.4.2002] u ohrajn). Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu, mbaghad jaqsamha ma' jew jikkonsenja lil haddiehor. Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f'idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn koakkwist minn Magro u l-appellanti."**

15. A parallel may be drawn in this case with the situation in these cases. Indeed in the present case appellant and his then girlfriend were, as stated, in an intimate relationship, they both abused drugs and drugs were acquired jointly for both their use. The fact that they had joint possession for their own use means that what we are faced with here is a case of simple possession."

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-imputat u Graziella Cauchi nee` Francalanza kienu f'relazzjoni intima, kien jgħixu flimkien u sussegwentement iżżewġu u illi matul dan il-perjodu, it-tnejn kienu jabbużaw mid-drogi kokaina u eroina, għalkemm fil-maġġor parti mid-droga eroina wara ż-żwieġ tagħhom fis-sena 2009. Skont Cauchi – u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita minn din il-verżjoni għaliex hija attendibbli u verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ – id-droga kienet tinxtara mill-imputat (għalkemm ġieli xtrat l-eroina hija wkoll, skont hi, għall-użu tagħha) mill-flus li kien ikollhom id-dar. Sa hawn u fejn kienu jikkonkorru dawn iċ-ċirkostanzi, bħal fil-każ ta' **Cranston**, il-Qorti tqis illi jissussistu l-elementi tar-reat ta' pussess tad-droga kokaina u eroina għall-użu personali tagħhom u għalhekk pussess sempliċi.

In kwantu ż-żmien bikri tar-relazzjoni tagħhom, jirriżulta mix-xhieda ta' Cauchi, illi kien l-imputat li kien jipprokura l-kokaina u l-eroina u mill-istqarrija tagħha, kif ikkonfermatha minnha bil-ġurament, jirriżulta illi fil-bidu tar-relazzjoni hija kienet tieħu mid-droga li l-imputat kien jipprokura għalih. Tgħid ukoll illi l-imputat biegħ proprjeta` tiegħu ġewwa Marsaskala u għalhekk beda jixtri ammonti sostanzjali ta' kokaina u eroina għalih, li minnhom kienet tieħu hi wkoll. Tirreferi wkoll għal okkażżjoni f'Awwissu 2007, li fiha l-imputat ġab l-eroina għalihom it-tnejn fuq suġġeriment tagħha, għalkemm f'dan ir-rigward ma tirriżultax il-prova jekk l-imputat kienx akkwista l-eroina speċifikatament għalihom it-tnejn jew inkella jekk din kinitx eroina li huwa diġa` kien akkwista għall-użu tiegħu. Kienet x'kienet is-sitwazzjoni ossia kemm jekk l-imputat kien jipprokura d-droga għalih u sussegwentement jagħti minnha lil Cauchi (liema sitwazzjoni tista' allura taqa' fil-parametri ta' traffikar *by sharing*) jew inkella kien *a priori* jakkwista d-droga għat-tnejn li huma, tenut kont ukoll tal-fatt illi hu

u Cauchi kienu regolarment jużaw id-droga flimkien – it-tnejn sitwazzjonijiet li jammontaw għal traffikar ta' droga - il-Qorti tqis illi m'għandhiex tapplika l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontempla t-traffikar *by sharing* u dan għaliex kif qalet il-Qorti fil-każijiet ta' **Marco Galea** u **Russell Bugeja**, fuq ċitati, dak li l-leġislatur kien qed jipprospetta permezz ta' din id-disposizzjoni tal-liġi kienu każijiet żgħar u iżolati ta' *sharing,* fejn allura l-Qorti tingħata d-diskrezzjoni li għal darba biss tevita piena mandatorja ta' priġunerija. Fil-każ odjern madankollu, jirriżulta illi dan ma kienx każ iżolat, iżda kien hemm frekwenza ta' drabi li fihom l-imputat ipprokura kemm id-droga eroina, kif ukoll il-kokaina lil Cauchi u għalhekk in kwantu din il-fażi bikrija tar-relazzjoni tagħhom, fejn id-droga ma kinitx tinxtara mill-fondi komuni għat-tnejn, il-Qorti tqis illi l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' traffikar tad-drogi eroina u kokaina, għalkemm dan mhux b'referenza għat-13 ta' April 2011, iżda matul l-erba' snin ta' qabel dik id-data.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Diċembru 2020, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' pussess tar-raża tal-*cannabis,* ksur tar-regolament tat-traffiku, u r-reat taħt l-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali fi tliet okkażżjonijiet, bl-aħħar reati jirrisalu għas-sena 2011.

Tqis in oltre illi kif ingħad iżjed 'il fuq, wara li din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat u kkonvertiet f'Qorti dwar id-Droga, b'nota tiegħu tat-13 ta' Awwissu 2020, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti illi l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat intemm b'suċċess. Mir-rapport finali tal-Aġenzija Sedqa, anness ma' din l-aħħar nota tal-Bord, jirriżulta illi l-imputat kien ilu l-bogħod mid-droga għal dawk l-aħħar sitt snin u kien qed jgħix ħajja tassew stabbli.[23]

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi sat-22 ta' Frar 2021, din kienet l-unika kawża pendenti fil-konfront tal-imputat odjern.

Tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kif ukoll illi mill-provi proċesswali jirriżulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, illi l-imputat wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kien dipendenti fuq id-droga. Dan qed jingħad b'mod partikolari fid-dawl tan-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-istess imputat, kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-provi riżultanti mill-atti proċesswali. Naturalment dan ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma

[23] Ara a fol. 182 sa 183 tal-proċess.

tistax ma tqisx ukoll illi minn dakinhar, huwa mpenja ruħu bis-serjeta` sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, ilu żmien il-bogħod minnha u illi llum qed jgħix ħajja stabbli.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, u fit-termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reati odjerni.

Tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, piena ta' priġunerija sospiża hija piena idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Claudio Cauchi** mhux ħati tal-imputazzjoni (e) u qed tilliberah minnha, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' elfejn ewro (€2,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jwettaq reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti u mmarkata bħala Dok. DB, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat